MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 226/2007

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143)**
**kif surrogata fid-drittijiet**
**tal-assigurat taghha**
**Victor Pace**

**vs**

**Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk**
**u**
**Awtorita` dwar it-Trasport**
**ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat l-20 ta' Lulju tas-sena 2007, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimati quddiem din

il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu s-somma ta’ elf disa’ mija u hamsa u tletin Lira Maltin u sitt centezmi (LM1,935.06,0), rapprezentanti danni subiti mill-imsemmi Victor Pace fil-proprjeta` tieghu 144, `Bebbuxa`, Triq Melkart, Marsaxlokk, b’rizultat ta’ *flooding* ta’ ilma li sehh billi l-intimati, jew min minnhom, kienu qed jaghmlu xogholijiet ta’ kostruzzjoni fi Triq Melkart, Marsaxlokk, liema xogholijiet ma kienux tali li jilqghu ghall-ilmijiet tax-xita, anzi dawn l-ilmijiet gew dirottati biex b’hekk il-*basement garage* tal-assigurat tas-socjeta` rikorrenti ghereq bl-ilma u b’hekk giet kawzata hsara fil-proprjeta` li kienet assigurata mas-socjeta` assigurattrici attrici, liema incident sehh fis-16 ta’ Ottubru 2006;

2. Illi l-oggetti li gralhom il-hsara minhabba fl-ilmijiet kienu koperti b’assigurazzjoni mahruga mis-socjeta` rikorrenti skond *spreadsheet* hawn anness u mmarkat Dokument A li ghalihom l-assigurat gie debitament kompensat u b’hekk saret id-debita surroga skond il-ligi skond id-Dokument B;

3. Illi qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna giet interposta ittra ufficjali fit-3 ta’ Mejju tas-sena 2007 skond kif jidher mid-Dokument C hawn anness;

4. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni u bl-interessi mit-3 ta’ Mejju tas-sena 2007;

Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta datata t-8 t’Ottubru tas-sena 2007, li permezz taghha l-imsemmija Awtorita` eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi din hija nfondata sia fid-dritt kif ukoll fil-fatt;

2. Illi l-Awtortia' konvenuta mhix responsabbli ghall-allegat danni subiti mill-attur izda huwa l-assigurat Victor Pace illi ghandu jassumi r-responsabbilita` kollha stante illi l-bini tieghu jinsab go wied inkluz il-*basement garage* u ghaldaqstant huwa b'mod naturali illi l-ilma jigi derottat ghal gol-wied;

3. Illi l-Awtorita` m'ghamlet l-ebda xogholijiet illi setghu kkagunaw id-dirottar ta' l-ilma tax-xita;

4. Illi fis-sittax (16) t'Ottubru tas-sena 2006, kienet ghamlet ammont ta' xita aktar mis-soltu illi b'mod naturali nizel ghal gol-wied fejn il-binja ta' l-assigurat tas-socjeta` rikorrenti hija aktar esposta minn binjiet ohra stante illi qieghda fil-wied;

5. Salv eccezzjonijiet ohra;

6. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali intimat datata l-15 ta' Novembru tas-sena 2007, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi x-xogholijiet ta' kostruzzjoni fi Triq Melkart ma sarux mill-Kunsill esponent imma minn terzi kif se jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3. Bl-ispejjez;

Rat is-surroga in dizamina datata l-15 ta’ Marzu tas-sena 2007, rilaxxata favur is-socjeta’ rikorrenti; (ara fol 71);

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti u tal-Kunsill intimat;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod prezenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tisborza l-ammont indikat fir-rikors promotur wara li l-assigurat taghha indikat fl-istess rikors kien sofra diversi danni kkagunati fir-residenza tieghu wara xita li kienet ghamlet fis-16 t’Ottubru tas-sena 2006;

2. Illi rrizulta li fit-triq fejn saru d-danni in dizamina kienu qed isiru xogholijiet ta’ kostruzzjoni fl-istess triq u li fil-gurnata indikata fil-paragrafu precedenti meta sehhew il-hsarat in dizamina, peress li minhabba l-bankina tan-naha tar-residenza li soffriet id-danni de quo, kienet ghadha mhix lesta u ghalhekk ix-xita li nizlet kienet stratata ghar-residenza de quo;

3. Illi dan seta’ jsehh peress li n-naha l-ohra tat-triq il-bankina kienet gia’ debitament mibnija u x-xita li nizlet fid-data in dizamina holqot rixxell konsidervoli fit-triq, li hi ghan-nizla, li habat mal-bankina li kienet terminata, qasam ghan-naha l-ohra tat-triq u … *“spara ezatt ghall- “basement” tieghi”,* (ara fol 72);

4. Illi qabel ma kien hemm dan l-intervent fit-triq in dizamina l-ilma tax-xita li kien jinzel kien jibqa’ sejjer dritt “*…minghajr problemi ta’ xejn…”*, (ara fol 73);

5. Illi matul il-kostruzzjoni ta’ l-istess triq, l-awtoritajiet koncernati kienet ingibditilhom l-attenzjoni ghal din il-possibilita`;

6. Illi ghalkemm intbaghtu xi *“surveyors”* , ma ttiehdu l-ebda passi korrettorji u ghalhekk saret il-hsara riskontrata;

7. Illi l-hsarat riskontrati gew debitament analizzati mis-socjeta` rikorrenti li effettivament ghamlet tajjeb ghall-istess u giet debitament surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha skond il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li fix-xogholijiet li kienu qed jigu kostruwiti fit-triq de quo, il-haddiema nvoluti naqsu li jaghmlu katusi gol-bankina biex l-ilma tax-xita jghaddi minn go fihom u minghajr ma jaghmlu hsarat fid-djar adjacenti, (ara fol 75);

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li t-triq in dizamina hi wahda arterjali;

Illi ghalhekk ir-responsabbilita` ghall-istess hi dik tal-Gvern Centrali u mhux tal-Kunsill Lokali;

Illi in effetti x-xogholijiet li fi zmien l-incident de quo kienu qed isiru fl-istess triq kienu gew ordnati mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta;

Illi l-Kunsill Lokali intimat kien ghal kollox estraneu ghal dawn ix-xogholijiet, (ara fol 90);

Illi x-xogholijiet fit-triq de quo kienu qed jigu effettwati minn kuntrattur imqabbad mill-imsemmija Awtorita`;

Ikkunsidrat:

Illi rigward id-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti hu pacifiku li l-ammont rikjamat hu dak legittimu stante kemm li hu surrogat bid-debiti ricevuti u lanqas biss gie bl-ebda mod impunjat mill-kontroparti;

Ikkunsidrat:

Illi jidher assodat li x-xogholijiet in dizamina kienu qed isiru fuq struzzjonijiet ta’ l-Awtorita` de quo u taht l-awtorita` ta’ l-istess;

Illi hu pacifiku li fil-mument tal-incident in dizamina l-kuntrattur ma kienx ha l-prekawzjonijiet necessarji biex jipprotegi r-residenzi passivi li kienu effettwati bl-istess xogholijiet;

Illi ghaldaqstant tenut kont tan-nuqqas ta’ supervizjoni da parte ta’ l-Awtorita` biex tassigura li terzi ma jsofrux danni minhabba l-agir taghha jew ta’ l-agenti taghha, din il-qorti hi sodisfatta li l-imsemmija Awtorita` hi responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti;

Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha ta’ l-Awtorita` intimata takkolji r-risposti tal-Kunsill Lokali intimat u t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u:

1. Tiddikjara li l-Awtorita` intimata hi unikament responsabbli ghall-hsarat sofferti mis-socjeta` rikorrenti kif indikat qabel;

2. Tillibera ghalhekk lill-Kunsill Lokali intimat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess socjeta` rikorrenti fl-ammont ta’ elf disa’ mija u hamsa u tletin Lira Maltin u sitt centezmi, (LM1,935.06,0), ekwivalenti ghal  erbat elef hames mija  u seba’ Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€4507.48);

4. Tikkundanna lill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta biex thallas l-ammont hekk likwidat lis-

socjeta` rikorrenti, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mit-3 ta’ Mejju tas-sena 2007.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------